**2 ta' Diċembru, 1998**

**Imħallef:-**

**Onor. Patrick Vella B.A., LL.D. Mag. Juris. (Eur. Law)**

Il-Pulizija

*versus*

Roderick Stafrace, Carmel Baldacchino u Darren Busuttil

## Vilipendju tar-Reliġjon - "Pubblikament"

*L-elementi kostituttivi tar-reat ikkontemplat fl-artikolu 163 tal-Kodiċi Kriminali huma:*

*L-intenzjoni diretta jew speċifika li jiġi offiż is-sentiment reliġjuż;*

*B'att estern li joffendi dak is-sentiment; u*

*Il-pubbliċit ta' dak l-att.*

*Ir-rekwiżit li dan l-att ikun wieħed estern huwa essenzjali f'dan ir-reat għaliex huma dawn l-atti esterni biss, a differenza ta' atti jew ħsibijiet interni, li jistgħu joffendu. Atti interni u ħsibijiet privati qatt ma jistgħu joffendu lil terzi u, għalhekk, dawn mhumiex punibbli għaliex kulħadd huwa liberu li jħaddan it-twemmin reliġjuż li jidhirlu.*

*Mingħajr il-pubbliċità ta' atti esterni ma jistax ikun hemm dak li jissejjaħ* a public mischief, *fis-sens li fejn hemm atti esterni fil-privat, u allura mhux il-presenza tal-pubbliku u terzi, dawn l-atti ma jikkostitwixxux ir-reat in kwistjoni.*

*Ir-rekwiżit tal-pubbliċità ta' l-atti esterni huwa l-element materjali tar-reat ta' vilipendju tar-reliġjon. It-test Ingliż ta' l-artikolu 163 juża preċiżament il-kliem* public vilification, *ċjoè, att ta' vilipendju magħmul fil-pubbliku. Li kieku l-leġislatur ried li bil-kelma "pubblikament" ifisser post pubbliku jew espost u aċċessibbli għall-pubbliku, kien juża dawn il-preċiżi kelmiet bħalma għamel f'disposizzjonijiet oħra tal-Kodiċi Kriminali fejn intużaw il-kliem "lok pubbliku jew lok espost għal pubbliku".*

*Għalhekk, il-kelma "pubblikament" fit-test Malti u l-kelma* publicly *fit-test Ingliż, bla ebda mod ma jirreferu għal xi lokalità, iżda qed jirreferu biss għal fatt li waqt it-twettieq ta' l-att estern tal-vilipendju għandu jkun hemm pubbliku jew terzi preżenti, estranei għal dan l-att innfisu, u li bih jistgħu jħossuhom offiżi għal dak li huwa s-sentiment reliġjuż tagħhom.*

Il-Qorti:-

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra Roderick Stafrace, Carmel Baldacchino u Darren Busuttil li permezz tagħha huma ġew akkużati talli f'Bighi, limiti tal-Kalkara, fil-lejl ta' bejn it-13 u l-14 ta' Marzu, 1998, bi kliem, b'ġesti, b'kitba stampata jew le, bi stampi jew b'xi mezz ieħor viżibbli, kasbru pubblikament ir-reliġjon Kattolika Apostolika Rumana, illi hija r-reliġjon ta' Malta, inkella offendew ir-reliġjon Kattolika Apostolika Rumana, billi kasbru lil dawk li huma ta' din ir-reliġjon jew lill-ministri tagħha, jew kull ħaġa li tkun oġġett ta' devozzjoni tar-reliġjon Kattolika Apostolika Rumana, jew tkun ikkonsagrata jew iddestinata biss għal devozzjoni ta' din ir-reliġjon;

Rat is-sentenza mogħtija fis-17 ta' Lulju, 1998, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali li biha ma sabitx lill-akkużati ħatja ta' l-akkuża dedotta kontrihom u lliberathom mill-istess;

Rat ir-rikors ta' l-appellant Avukat Ġenerali ddatat 31 ta' Lulju, 1998, li bih talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata u tinfliġġi l-piena skond il-liġi kontra l-appellati akkużati;

Rat l-aggravju ta' l-appellant Avukat Ġenerali konsistenti fis-segwenti, ċjoè, li, skond hu, l-Ewwel Qorti għamlet interpretazzjoni ħażina u żbaljata ta' l-ipotesi tal-liġi meta qalet li f'dan *il-każ* ma kienx hemm *l-element tal-* "<u>*pubblikament*</u>" għax it-tlett akkużati kellhom l-istess mens;

Rat il-provi *li* tressqu, id-dokumenti esebiti u *l-atti ta'* dan il-proċediment;

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi fuq il-fatti ta' dan il-każ, ma hemm l-ebda kontestazzjoni u dan kif jirriżulta ukoll mill-istqarrija ta' kull wieħed mill-appellati;

Illi l-unika diverġenza li hemm bejn dak li qed tgħid il-prosekuzzjoni u dak li qed tgħid id-difiża ta' l-appellati hi sempliċement fuq l-interpretazzjoni li għandha tingħata lill-kelma "<u>publikament</u>" fl-artikolu 163 tal-Kodiċi Kriminali liema artikolu jittratta dwar *ir-reat ta' vilipendju lejn ir-reliġjon* Kattolika Apostolika Rumna, ir-reliġjon uffiċjali ta' Malta. Skond l-appellant Avukat Ġenerali, din il-kelma "<u>pubblikament</u>" għandha tittieħed jew tiġi interpretata fl-istess sens li tingħata f'reati oħra, u ċjoè, li l-att kriminuż ikun sar f'post pubbliku jew espost jew aċċessibbli għall-pubbliku. Minn naħa ta' l-appellati, il-kelma "<u>pubblikament</u>" fl-artikolu 163 tal-Kap. 9 ma tfissirx hekk. Skond l-appellati dan l-element tal-

pubbliċità hu element kostituttiv fir-reat in eżami, fis-sens li dan l-att ta' vilipendju għandu jiġi kkunsidrat bħala reat meta hemm atti esterni ta' tali ħsibijiet li joffendu, li jsiru fil-presenza ta' terzi li għandhom allura jħossuhom offiżi b'dawk l-atti;

F'dan il-każ għandna l-fatt ammess mit-tlett appellati li waħedhom, fil-post, data u ħin imsemmija fl-akkuża, u meta ma kien hemm ħaddieħor preżenti, volontarjament ipparteċipaw fir-ritwal tal-*black mass*. Stante li, skond huma, ma kienx hemm ħadd iktar ħliefħom għal dan ir-ritwal, li seta' jħossu offiż b'dak li kienu qed jagħmlu, għalkemm dan ir-ritwal ġie mwettaq f'xelter, li hu post aċċessibbli għall-pubbliku, allura jonqos l-element tal-parti offiża. Huwa f'dan is-sens li, skond l-appellati, għalkemm kellhom il-*mens rea* kollha meħtieġa f'dan ir-reat, però, kien jonqos l-element kostituttiv l-ieħor tat-twettieq tar-reat fil-presenza ta' terzi, ġaladarba ma kienx hemm dan il-pubbliku li bl-aġir tagħhom seta' ħassu offiż;

Issa l-elementi kostituttivi ta' dan ir-reat taħt l-artikolu 163 tal-Kodiċi Kriminali huma s-segwenti: (a) l-intenzjoni diretta jew speċifika li jiġi offiż is-sentiment reliġjuż; (b) b'att estern li joffendi dak is-sentiment, u (ċ) il-pubbliċità ta' dak l-atti;

Dwar l-ewwel u t-tieni elementi, ma hemmx l-ebda dubbju li dawn iż-żewġ elementi jeżistu fil-każ in eżami, u dan kif jirriżulta mill-istqarrijiet ta' l-appellati fejn urew biċ-ċar l-intenzjoni tagħhom u ddeskrivew l-atti esterni li huma wettqu in esekuzzjoni ta' din l-intenzjoni tagħhom. Ir-rekwiżit li dan l-att, li joffendi s-sententiment reliġjuż, ikun att estern, huwa essenzjali f'dan ir-reat l-għaliex huma dawn l-atti testerni biss, a differenza ta' atti jew ħsibijiet interni, li jistgħu joffendu. Atti interni u ħsibijiet privati qatt ma jistgħu joffendu lil terzi taħt dan ir-reat, u, għalhekk, dawn mhumiex punibbli għaliex

kulħadd huwa liberu li jħaddan it-twemmin reliġjuż li jidhirlu;

Dan il-prinċipju dwar id-differenza bejn atti esterni u dawk interni, jgħodd ukoll għal dak li jirrigwarda l-element tal-"pubblikament" ta' dawn l-atti esterni li jiġu mwettqa fil-privat. Mingħajr din il-pubbliċità ta' l-atti esterni ma jistax ikun hemm dak li jissejjaħ *a public mischief*, fis-sens li fejn hemm atti esterni fil-privat, u allura mhux fil-presenza tal-pubbliku u terzi, dawn l-atti ma jikkostitwixxux ir-reat in kwistjoni minħabba s-sempliċi fatt li, *kif jgħid il-Professur Mamo fin-noti tiegħu:* "*The public, being unaware of the irreligious act committed in private without having any continuing trace of itself, cannot feel any sense of apprehension or alarm. To drag such acts into the limelight of judicial proceedings would do more harm than good.*" Dan ir-rekwiżit tal-pubbliċità ta' l-atti esterni huwa l-element materjali ta' dan ir-reat taħt l-artikolu 163 tal-Kodiċi Kriminali. *It-test Ingliż ta' dan l-artikolu juża preċiżament* il-kliem "*public vilification*", ċjoè, att ta' vilipendju magħmul fil-pubbliku. Li kieku l-leġislatur ried li bil-kelma "pubblikament" ifisser post pubbliku jew espost u aċċessibbli għall-pubbliku, kien juża dawn il-preċiża kelmiet bħalma għmel fil-każ ta' diversi reati oħra fil-Kodiċi Kriminali, bħal per eżempju, fir-reat taħt l-artikolu 208 (1) tal-Kodiċi Kriminali li huwa r-reat dwar oġġetti pronografiċi jew oxxeni, jew bħalma għamel fir-reat taħt l-artikolu 209 tal-Kodiċi Kriminali li huwa r-reat dwar offiża għall-pudur jew għall-morali magħmula fil-pubbliku, kif ukoll fi bnadi oħra ta' l-istess Kodiċi Kriminali fejn il-kliem użat mil-leġislatur għat-tifsira tal-kelma "pubbliku" hija preċiżament "lok pubbliku jew f'lok espost għall-pubbliku". L-istess fit-test Ingliż, il-leġislatur jgħid "*an act committed in a public place or in a place exposed to the public*", filaqt għal dak li jirrigwarda r-reat in eżami taħt l-artikolu 163 tal-Kap. 9, jgħid "*publicly vilifies*" u ma jindikax jew ma jsemmix il-kliem "*public place or in a place exposed to the public*" bħalma jagħmel fil-każ ta' reati oħra u bħalma jagħmel, fil-fatt, anke

fir-reat taħt l-artikolu 165 (1) tal-Kodiċi Kriminali, dejjem b'referenza għar-reati kontra s-sentiment reliġjuż ċjoè, ir-reat ta' tfixkil ta' servizzi reliġjużi. Dan kollu juri biċ-ċar, għalhekk, li l-kelma "pubblikament" fit-test Malti u l-kelma "*publicly*" fit-test Ingliż, bla ebda mod ma huma qed jirreferu għal xi lokalità, iżda qed jirreferu biss għall-fatt li waqt it-twettieq ta' l-att estern tal-vilipendju għandu jkun hemm pubbliku jew terzi preżenti, estranei għal dan l-atti fih innifsu, u li bih jistgħu jħossuhom offiżi għal dak li huwa s-sentiment reliġjuż tagħhom;

Il-konklużjoni ta' dan kollu, għalhekk, hi li f'kull każ l-att tal-vilipendju huwa possibbli biss jekk kommess pubblikament, jew, kif jingħad fit-test Ingliż, *publicly*. Kif jgħid il-Carrara (Programma, Parte Speciale, Vol. VI.3259) dan huwa dovut għal fatt "*perchè il diritto che ha l'uomo a vedere rispettata la propria religione non può essere offesa da atti commessi in privato, per poter dire aggredito il mio culto vi è bisogno di un fatto esteriore che, manifestandosi ai sensi di molti, porti il-culto stesso ad un discredito*";

F'dan il-każ, għalhekk, stante li jirriżulta inkontestat dak li wettqu l-appellati, għalkemm jissussisti l-element formali jew intenzjonali tar-reat ta' vilipendju, mill-banda l-oħra ma kienx jissussisti l-element materjali fuq imsemmi ta' dan l-istess reat peress li dak li huma għamlu kienu għamluh waħedhom biss u ma kienx hemm pubbliku jew terzi preżenti li setgħu jħossuhom offiżi bl-aġir ta' l-appellati għal dak li hu s-sentiment reliġjuż tagħhom;

Għalhekk l-Ewwel Qorti kienet korretta fl-interpretazzjoni tagħha tal-kelma "pubblikament" imsemmija fl-artikolu 163 tal-Kodiċi Kriminali;

Għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti qiegħda tiċħad l-

appell ta' l-Avukat Ġenerali u qed tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.